**5 ta' Gunju 1967.**

**Imhallfin:—**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. President.**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, B.A., K.M., LL.D., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S. Viċi-President.**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Maria Concetta Sciciuna

*versus*

Carmelo Meli et.

**Appell — Mandat — Degriet — Leġittima — Dotarju — Esproprjazzjoni — "Use and possession" — Perizja — Rimissjoni għal — Taxxa tas-suċċessjoni — Reviżjoni ta' — Spejjeż — Talbiet żbaljati ta' — Talba bla bżonn.**

*Mhux appellabili degriet li jiċħad it-talba għar-revoka ta' mandat kawtelatorju.*

*Fil-kalkolu tal-leġittima, id-dotarju dovut lill-armla ma għandux jiġi kkunsidrat bħala passiv ta' dik l-eredita, jekk l-armla tkun aċċettat legati lilha mħollija minflok dak id-dotarju. Il-Qorti tista' tirriserva l-kwistjoni għal deċiżjoni futura dwar il-likwidazzjoni ta' kumpens dovut mill-Gvern fuq bini li jkun ġie esproprjat for "use and possession". Meta l-partijiet ikunu rrimettew ruħhom għar-relazzjoni peritali mhux ġust li attakkaw punti deċiżi minn dika l-istess perizja fl-istadju tal-appell meta l-Qorti ta' prim'istanza ma tkunx għamlet ħaġa oħra ħlief adottatha.*

*Jekk it-taxxa tas-suċċessjoni tiġi mill-Gvern riveduta, allura huwa ġust li jkun hemm reviżjoni tal-leġittima likwidata biex tali taxxa ġdida tiġi meħuda in konsiderazzjoni.*

*L-ispejjeż ġudizzjarji ta' talbiet żbaljati jew bla bżonn għandhom jiġu sopportati minn min jagħmilhom.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attriċi premessi kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment analogu; u premess illi fit-13 ta' Mejju, 1947 miet Giuseppe Meli (Dok. A) b'testment unica charta magħmul flimkien ma' martu l-konvenuta Marianna Meli fl-atti tan-Nutar Emmanuele Agius fit-12 ta' Novembru, 1943 (Dok. B) fejn ħalla fost disposizzjonijiet oħra lill-konvenut Carmelo Meli eredi universali tiegħu u lill-konvenuta Marianna Meli l-użu u l-użufrutt tal-assi in ġenerali tiegħu u lill-attriċi oħtha Orade Camilleri l-leġittima li tmiss hemm skond il-liġi u premess illi l-konvenuti għalkemm ġew rik-

jesti biex jaddivienu għal-likwidazzjoni u pagament tal-leġittima lill-attriċi spettanti fuq il-wirt fuq imsemmi sal-lum għadhom ma waslux għal-likwidazzjoni u pagament ta' tali leġittima; u premess illi jista' jkun hemm lok għar-riduzzjoni tal-legat ta' użufrutt mħolli lill-konvenuta Marianna Meli stante l-fatt illi jista' jilledi l-leġittima spettanti talbet illi l-konvenuti jew min minnhom (1) m'għandhiex tiġi stabbilita u likwidata l-komunjoni tal-akkwisti magħmula bejn l-imsemmi Giuseppe Meli u l-konvenuta Marianna Meli billi jiġi dikjarat li tikkonsisti fil-beni elenkati fl-annessa nota (Dok. C) u f'dawk is-sostanzi kollha li jirriżultaw waqt il-kawża (2) m'għandhiex tali komunjoni hekk firmata u likwidata tiġi maqsuma f'żewġ porzjonijiet ugwali, li waħda minnhom tiġi assenjata lill-wirt tal-imsemmi Giuseppe Meli u l-oħra lill-konvenuta Marianna Meli; (3) m'għandux jiġi firmat u likwidat l-assi partikolari tal-imsemmi Giuseppe Meli billi jiġi dikjarat li jikkonsisti f'nofs il-beni komuni ġià msemmija, fil-beni msemmija fl-annessa nota (Dok. D) u f'dawk is-sostanzi kollha li jirriżultaw waqt il-kawża (4) m'għandhiex, prevja jekk hemm bżonn ir-riduzzjoni tal-legat ta' użufrutt imħolli lill-konvenuta Marianna Meli in kwantu jilledi l-leġittima spettanti lill-attriċi, tiġi likwidata u assenjata lill-attriċi l-leġittima li tmissha skond il-liġi mill-msemmi assi ta' Giuseppe Meli u (5) m'għandux jiġi nominat Nutar biex jippubblika l-att relattiv fil-jum, post u ħin li tistabilixxi dina l-Qorti, kuraturi biex jirrappresentaw il-kontumaċi u periti okkorrendo għal-likwidazzjoni fuq imsemmija; bl-ispejjeż.

Omissis

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-7 ta' Jannar, 1967 li biha ddeċiediet billi ċaħdet l-ewwel u t-tieni talba bl-ispejjeż kontra l-attriċi, laqgħet t-tielet talba fis-sens li ddikjarat li l-assi ereditarju ta' Giuseppe Meli jikkonsisti fl-istabbili u

beni oħra dettaljati preċedentement tal-valur ta' £6383. 8. 6.; laqgħat r-raba' talba u ddikjarat li l-leġittima spettanti lill-attriċi hija tal-valur komplessiv ta' £639. 3. 7½d u li bi ħlas u soddisfazzjoni tagħha għandhom jiġu assenjati lill-attriċi mill-konvenut Carmelo Meli l-beni u s-sustanzi elenkati fil-para. XLVII, tar-relazzjoni peritali kif modifikat minn din il-Qorti, flimkien mal-frutti msemmija fil-para. XLVIII, u mal-kumpens pagabbili mill-Gvern skond il-para. XLIV tal-istess relazzjoni, — ċaħdet l-istess talba għall-kumplament għar-rigward tal-allegata lesjoni tal-leġittima — innominat lin-Nutar Conti Carmelo Chapelle Paleologo biex jippubblika l-att relativ fl-1 ta' Frar, 1967 fit-3.00 p.m. fl-edifizju ta' din il-Qorti u lill-Avukat Giovanni Bonello biex jirrappreżenta l-kontumaċi.

L-ispejjeż barra dawk li ġew preċedentement provduti, għandhom jitħallsu mill-konvenut Carmelo Meli, ad eċċezzjoni ta' dawk li jirigwardaw id-domanda tal-lesjoni tal-leġittima, li għandhom jibqgħu a kariku tal-attriċi.

Jibqa' riservat għall-motivi premessi favur l-attriċi kwalunkwe dritt li jista' jkollha fuq il-fondi indikati aktar 'il fuq f'dina s-sentenza bl-ittri "a" sa "h" inklusivament wara li kkunsidrat;

Omissis

Rat in-nota tal-konvenut Carmelo Meli li biha appella minn dik is-sentenza kif ukoll mid-degriet ta' l-istess Qorti ta' l-istess ġurnata, u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li

(a) dak id-degriet jiġi revokat u tiġi milqugħa t-talba tiegħu għar-revoka tas-sekwestri kawtelatorji, bl-ispejjeż kontra l-attriċi;

(b) dik is-sentenza tiġi riformata billi (i) tiġi konfermata fejn ċaħdet, bl-ispejjeż kontra l-attriċi, l-ewwel u t-tieni talba u t-talba għar-riduzzjoni tal-legat ta' użufrutt; (ii) tiġi mibdula l-konsistenza ta' l-assi billi jiżdiedu il-passiv tad-dotarju, l-attiv tal-fondi ta' Manderaggio Street, u St. Patrick u l-passiv tad-differenza fit-taxxa tas-suċċessjoni; (iii) tiġi mibdula fil-valur nett u fil-*konsistenza* il-porzjoni leġittima assenjabbli lill-attriċi billi jsiru il-modifiki konsegwenzjali mill-modifiki fil-konsistenza ta' l-assi ta' Giuseppe Meli u min-nuqqas tal-valur tal-leġittima mħabba li l-attriċi ħadet bust tal-ġibs; (iv) titneħħa kull *riserva favur* l-attriċi rigward il-fondi ta' Manderaggio Street u St. Patrick Street u frutti jew kumpens relativi; (v) jiġu akkollati lill-attriċi l-ispejjeż kollha żejda kaġonati wara l-perizja legali; u (vi) tiġi konfermata fil-partijiet l-oħra fejn ma hiex mitluba ebda riforma: Bl-ispejjeż ta' dan l-appell.

Rat ir-risposta ta' l-attriċi li biha qalet li l-appell tal-konvenut għandu jiġi miċħud u fl-istess ħin appellat inċidentalment u talbet li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti (1) tiġi riformata fis-sens li l-ispejjeż fuq l-ewwel u t-tieni talba u fuq it-talba dwar il-leżjoni tal-leġittima jeħilhom il-konvenut; (ii) tiġi mibdula, fl-assenjazzjoni tal-kwadri msemmija fil-paragrafu XLVII tar-Relazjoni Peritali, indikat bin-numri 5, 6, 7, 8, 9, 10, 12, 13, u 14 u minflokhom jitħallas il-valur tagħhom; (iii) tiġi konfermata għall-komplament bl-ispejjeż ta' l-appell kontra l-appellant.

Rat ir-risposta tal-konvenuta Orade mart Giuseppe Camilleri li qalet li tirrimetti ruħha għall-provi u għal dak li tiddeċidi finalment din il-Qorti.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u ikkunsidrat —

L-ewwelnett *fuq* l-appell tal-konvenut Carmelo Meli *mid-digriet ta' l-ewwel* Onorabbli Qorti tas-7 ta' Jannar, 1967.

B'dak id-digriet ġiet miċħuda t-talba tiegħu, magħmula bir-rikors tad-19 ta' Ottubru, 1964, għar-revoka tal-mandati tas-sekwestri kawtelatorji Nri. 365/1964 u 475/1964 maħruġin mill-attriċi. It-talba kienet saret **bis-saħħa** ta' l-artikolu 852 u 842 (3) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

Fil-verbal reġistrat fis-seduta tat-13 ta' Marzu, 1967, Dr. Riccardo Farrugia għal Carmelo Meli iddikjara illi, miż-żewġ mandati, wieħed biss, ċioè dak Nru. 365/64 maħruġ fil-25 ta' Lulju, 1964, baqa' jiġi prorogat. L-ieħor Nru. 475/1964 maħruġ *fis-26* ta' Settembru, 1964 ma ġiex, jew ma baqax *jiġi*, prorogat u issa ma għadux iseħħ. Għalhekk it-talba għar-revoka għandha titqies limitata għall-ewwel mandat biss, salva l-kwistjoni ta' l-ispejjeż anki tal-mandat l-ieħor.

Kontra dan l-appell, l-attriċi opponiet, qabel xejn, illi d-deċiżżjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti hi inappellabbli skond l-artikolu 849 (3) tal-Kodiċi fuq imsemmi, u, fil-meritu, illi hi kienet ġustifikata li titlob il-ħruġ ta' dak il-mandat.

Għad illi hu veru dak li jgħid il-konvenut Meli ċioè illi *l-kliem ta'* l-artikolu 849 (3) (applikat għas-sekwestri kawtelatorji bl-artikolu 852) jidher li jirriferixxi għall-inappellabbilita meta l-Qorti **takkolji** t-talba għar-revoka tal-mandat u mhux għal meta **tiċħadha**, din il-Qorti hi inklinata li tirritieni illi l-inappellabilita tapplika tant fil-każ il-wieħed **kemm** ukoll fil-każ l-ieħor. Meta ssir talba kif kontemplat f'dik id-disposizzjoni, il-Qorti tista' tilqagħha, imma, ovvjament, tista' wkoll tiċħadha, u l-eżami li l-Qorti hi meħtieġa li

tagħmel biex tista tiddeċidi, hu dak biss li tara jekk l-attur jurix **"prima facie"** raġuni suffiċjenti biex joħroġ il-mandat. Din il-Qorti ma tistax tħossha persważa illi kienet intenzjoni ta' l-liġi li takkorda appell, *f'ipotesi waħda*, minn deċiżżjoni bażata fuq eżami **"prima facie"**: *dan* pjuttost jidher li hu każ ta' użu ta' diskrezzjoni sommarja *li ma* kienitx intiża li tkun soġġetta għas-sindakat *tal-Qorti* ta' l-Appell, sew jekk hi użata f'sens il-wieħed jew fis-sens *l-ieħor*.

Ġustament il-konvenut Meli ħass ruħu aggravat fid-digriet ta' l-ewwel Qorti, in kwantu li dan inverta l-piż tal-prova u flok ma eżiġa kif **tippreskrivi l-liġi, illi l-attriċi**, li ħarġet il-mandat, tipprova "prima facie" li kellha raġuni biżżejjed biex toħrogħa ċaħad, it-talba tiegħu għaliex intqal illi hu ma ġiebx provi li l-attriċi ma kellhiex bżonn toħroġ il-mandat. Imma, ġa la *darba*, *kif* din il-Qorti tirritieni, dik id-diskrezzjoni ta' l-ewwel *Onorabbli* Qorti mhix legalment sindakabbli, l-ilment ta' *l-konvenut* Meli, għalkemm ġustifikat, ma jistax jiġi dedott in appell *skond* il-liġi.

**Ikkunsidrat, dwar l-appell ta' l-istess konvenut mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti —**

L-aggravji ta' l-appellant huma diversi u jeħtieġ li jiġu eżaminati wieħed wieħed bil-mod li ġej:

(1) Fl-ewwel lok, l-appellant jissottometti illi, una volta li Marianna Meli kellha favur tagħha id-dritt kontrattwali (oriġinat qabel iż-żwieġ) fl-*ammont* ta' £500 bħala dotarju, dan l-ammont kellu jiġi *aċċettat* bħala passiv ta' l-assi ta' Giuseppe Meli. Il-fatt illi, minħabba d-disposizzjonijiet magħmulin fit-testment favur tagħha, hi ma setgħatx tippretendi li tieħu l-£500 tad-dotarju oltre l-legati, ifisser biss illi dawk il-legati huma preżunti bħala pagament (jew pagament akkont) tad-debitu tad-dotarju u mhux illi dak id-de-

bitu hu ineżistenti. Jekk — ikompli jgħid l-appellant — għall-fini tal-leġittima, wieħed ma għandux jagħti każ tad-disposizzjonijiet tal-legati magħmulin mit-testatur ugwalment ma għandu jagħti każ ta' l-effett tagħhom. Mill-fatt illi l-valur tal-legati favur Marianna Meli kien superjuri għall-ammont tad-dotarju, l-unika konklużjoni li wieħed jista' jiġbed hi biss illi (għall-fini tal-leġittima) jiġi ammess passiv għad-dotarju fil-valur indikat fl-iskrittura nużjali u mhux fil-valur tal-legati effettivi.

Il-Qorti tosserva illi rigward il-kwistjoni jekk, għall-finijiet tal-likwidazzjoni tal-leġittima dovuta lill-attriċi, id-dotarju promess lill-Marianna Meli kellux jidħol bħala passiv ta' l-assi u kwindi jiġi dedott mill-attiv tiegħu, l-ewwel Onorabbli Qorti qablet mal-Perit Legali fis-sens illi dak il-kreditu ta' l-armla ġie eliminat, u in bażi għall-artikolu 676 tal-Kodiċi Ċivili, peress illi l-legati imħollija lilha fit-testment ta' żewġha kienu ta' valur wisq għola minn dak il-kreditu. Il-Perit Legali fil-paragrafu XLIV tar-relazzjoni tiegħu, wara illi irrileva illi, skond l-imsemmi artikolu tal-Kodiċi, dak kollu illi t-testatur ikun, b'kull xorta ta' titolu, ta jew ħalla lill-martu, jitqies fil-każijiet kollha — jekk ma jkunx hemm dikjarazzjoni kuntrarja — mogħti jew imħolli — akkont tad-doti u tad-dotarju; u li, fil-każ preżenti l-użufrutt imħolli lil Marianna Meli kien ta' valur bil-bosta superjuri għall-£500 tad-dotarju, ikkonkluda illi din il-passività tad-dotarju hi estinta u ma kienx hemm għalfejn wieħed jitħadded fuqha aktar.

Issa, apparti għal mument minn jekk din il-konklużżjoni hiex korretta jew le', hu fatt illi l-appellant, fil-verbal tat-13 ta' Ottubru, 1962 irrimetta ruħu għar-rapport tal-Perit Legali. Fir-rikors tiegħu, l-istess appellant irribadixxa illi "hu kien ilu żmien li irrimetta ruħu għall-konklużżjonijiet peritali", u talab li l-kawża tkun deċiża bla dewmien aktar.

Wara dak ir-rikors u nonostanti d-diversi differimenti tal-kawża, l-appellant qatt ma raġa' lura minn dik id-dikjarazzjoni sakemm fil-verbal iddikjara li ma kellux aktar x'iżid u jirrimetti ruħu għall-provi u sakemm, imbagħad, ingħatat is-sentenza appellata.

F'dawn iċ-ċirkostanzi tidher pjuttost kurjuża l-kritika issa magħmula, fuq din il-kwistjoni, bis-sentenza appellata, li, kif ġa intqal, ma għamlitx ħag'oħra dwarha ħlief adottat il-konklużżjoni tal-perit legali li dan il-konvenut kien aċċetta.

Hi din kif inhi, dik il-kritika anqas hi, fil-fehma tal-Qorti, legalment fondata. Ġa la darba Marianna Meli aċċettat il-legati u dawn kienu ta' valur superjuri għall-kreditu tagħha għad-dotarju u ġaladarba skond il-liġi dawk il-legati għandhom jitqiesu mħollijin in estinzjoni ta' dak il-kreditu, dan vwoldiri illi d-debitu għad-dotarju ma kellux jitħallas u ma tħallasx: u għalhekk ma jistax fil-likwidazzjoni ta' l-assi għall-finijiet tal-kalkoli tal-leġittima, jitqies bħala passiv deduċibbli. Il-Qorti jidhrilha illi una volta li Marianna Meli kellha titqies soddisfatta b'dak li irċeviet skond it-testment hi ma kellha ebda kreditu kontra l-assi għad-dotarju bħala tali, u dan kwindi ma għandux jitqies bħala "debitu" ta' l-assi.

(2) It-tieni ilment ta' l-appellant jirigwarda il-fondi tal-Mandraġġ li dwarhom saret riżerva favur l-attriċi fis-sentenza appellata. Is-sottomissjoni ta' l-appellant hija illi, il-konsiderazzjoni tal-perit legali u ta' l-ewwel Onorabbli Qorti (fis-sens illi meta fond ittieħed "for use and possession" joħroġ mill-patrimonju ta' l-proprietarju u wara għaxar snin il-Gvern hu obbligat li jesproprija l-fond "by outright purchase") hi għal kollox żbaljata. L-akkwist "for use and possession" huwa biss akkwist ta' detenzjoni u mhux ta' proprietà u wara għaxar snin il-Gvern jista jew jirrelaxxja

l-fond, jew jespropriah "by outright purchase" jew jiehdu "by public tenure". Għall-fini ta' din il-kawża — jissokta jgħid l-appellant — għandu jiġi notat illi l-fondi ittieħdu "for use and possession" fit-22 ta' Frar, 1949 ċioè kważi sentejn wara l-mewt tad-decujus, u, għall-fini tal-leġittima, wieħed irid jara l-posizzjoni fil-mument tal-ftuħ tas-suċċessjoni. L-ewwel Onorabli Qorti, fuq l-iskorta ta' perizja aċċettat din ir-regola rigward fondi oħra. Għalhekk dwar il-fondi tal-Mandraġġ, il-kriterju kellu jkun li jiġu stmati għab-bażi tal-mument ta' l-apertura tas-suċċessjoni u l-valur tagħhom jittieħed f'konsiderazzjoni biex tiġi ffissata l-leġittima: u mhux, kif għamlet l-ewwel Onorabbli Qorti, tħallihom pendenti b'mod li hu jibqa' f'relazzjoni ta' komunjoni ma' l-attriċi. Fil-fatt dawk il-fondi ġew stamati mill-Perit Tekniku b'valur ta' £2741: dan però hu l-valur fis-sena 1960: il-valur fl-1947, meta id-decujus miet, kien ċertament inqas u dan il-valur jista' jiġi stabbilit permezz ta' perizja ġdida.

Rigward dan l-ilment jgħodd dak li ġa ġie rilevat rigward l-ilment Nru. (1), illi ċioè l-appellant, quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, **irrimetta ruħu għar-relazzjoni peritali.** Issa l-Perit fir-rapport tiegħu qal espressament illi m'hux jinkludi dawk il-fondi fost l-immobbli li kellhom jitqiesu kompriżi fl-assi għall-finijiet tal-likwidazzjoni tal-leġittima u minflokhom kellha jitqies kompriż fl-assi il-kumpens li eventwalment jitħallas mill-Gvern, u għalhekk l-istima ta' dawk il-fondi li kien għamel il-Perit Tekniku kienet inutili (para. XXVII *fol.* 359-302 tar-Rapport), u difatti fil-paragrafu XLIII (*fol.* 411) il-Perit Legali inkluda (fost il-krediti ta' l-assi, il-kumpens li l-Gvern għad irid iħallas għall-espropriazzjoni ta' dawk il-fondi jew aħjar għall-konversjoni tattitolu li bih s'issa huma detenuti mill-Gvern. Fis-sentenza appellata, l-ewwel Onorabbli Qorti, sostanzialment adottat il-konklużżjoni tal-Perit Legali; u daħħlet il-kreditu għal dak il-kumpens fil-patrimonju tad-decujus; liema kreditu — qa-

let dik l-Onorabbli Qorti — għadu illikwidu sal-lum; u wara li jitnaqqas *minnu l-import* tal-vitalizju ta' £206, spettanti lil Maria Portelli, il-bilanċ tal-kumpens li sejjer iħallas il-Gvern jibqa' riżervat favur il-kontendenti, biex minnu kull wieħed mill-partijiet jipperċepixxi sehmu skond *l-interess* rispettiv": u fid-dispositiv tas-sentenza ġie riżervat lill-attriċi s-sehem minn dak il-kumpens skond il-paragrafu XLIV tar-relazzjoni.

Kif ġa intqal, l-appellant irrimetta ruħu għar-relazzjoni tal-perit u *fil-fehma* tal-Qorti mhux sewwa illi issa jilmenta jekk il-Qorti segwiet u adottat dik ir-relazzjoni: u mhux il-każ illi issa fl-appell, issir perizja ġdida u tiġi, għar-rigward, ta' dawk *il-fondi*, sostitwita *soluzzjoni għal* dik *li* għaliha l-appellant akkwieta ruħu espressament fil-prim'istanza kif forsi anki għaliex l-appellant kien akkwieta ruħu, akkwietat ruħha ukoll *l-attriċi*.

Imma din *il-Qorti* anqas jidhrilha illi l-provvediment mogħti mill-ewwel Onorabbli *Qorti* hu *inġust* jew illegali: L-espressjonijiet użati fis-sentenza appellata fis-sens illi bl-esproprjazjoni "for use and possession" il-fondi "ħarġu mill-patrimonju" ta' d-decujus tista' *tkun ineżatta*: kif tista' *tkun* ineżatta ukoll il-preżunzjoni li l-Gvern eventwalment jikkonverti dak it-titolu ta' detenzjoni f'wieħed "by outright purchase", difatti jista' jiġri illi l-konversjoni issir f'"*public* tenure". Iżda dana kollu ma jaffettwax il-ġustizzja jew legalità tal-provvediment ta' l-ewwel Onorabbli Qorti. Kieku dawk il-fondi kienu għadhom jeżistu in-natura, kif kienu fiż-żmien ta' l-apertura tas-suċċessjoni, kien ikun jista' talvolta jiġi assenjat *lill-attriċi* bħala parti mil-leġittima tagħha, wieħed jew ieħor *minnhom*: una *volta li ma* għadhomx jeżistu u minflokhom jeżisti kreditu kontra l-Gvern għal kumpens, hu x'inhu, m'hux *inġust* li ġie riżervat *lilha* sehem minn dak il-kumpens ugwali għall-interess tagħha. Fil-kawża Vol.

XXIII, i, 472, din il-Qorti f'każ ta' fondi danneġġjati bil-gwerra kienet adottat għall-finijiet tal-likwidazzjoni tal-leġittima, il-kriterju tal-valur tagħhom mhux kif kienu fiż-żmien ta' l-apertura tas-suċċessjoni iżda kif ġew, wara, danneġġjati. Hemm ċerta analoġija bejn dan u dak li sar fil-każ preżenti.

(3) It-tielet ilment ta' l-appellant hu illi ma ġiex mnaqqas mil-leġittima il-valur ta' bust tal-ġibs li rriżulta li ħadet l-attriċi.

Anqas dan l-ilment ma jidher fondat. Si tratta, milli jidher, ta' bust tal-ġibs li jirrappreżenta lill-attriċi innifisha u li skolpietu hi stess, u l-appellant taħulha għax kien tagħha.

(4) Ir-raba' aggravju jirrigwarda l-ħlas tat-taxxa tas-suċċessjoni.

L-appellant issottometta illi t-taxxa tas-suċċessjoni imħallsa waqt il-kawża (£85. 13. 6) minn Marianna Meli kienet bażata fuq assi ereditarju fuq il-preżunjoni ta' komunjoni ta' l-akkwisti: għalhekk dik it-taxxa kienet provviżorja. Difatti b'avviż datat 9 ta' Jannar, 1967 l-ammont tat-taxxa ġie issa rivedut fl-ammont ta' £967. 10. 8. oltre il-penalitajiet. Għalhekk hemm bżonn jew ta' riserva favur tiegħu għad-differenza bejn it-taxxa effettiva (u l-interessi skond il-liġi) dovuta lill-Gvern u dik ammessa mill-ewwel Onorabbli Qorti, jew likwidazzjoni tat-taxxa dovuta mill-attriċi (a bażi ta' rata ta' tlieta fil-mija fuq il-valur tal-leġittima, wara li jittieħed f'konsiderazzjoni li l-attriċi ġa batiet wieħed minn disa' ta' l-ammont ta' £58. 13. 6).

Ir-reviżjoni tat-taxxa tas-Suċċessjoni tidher li saret kif ġa intqal, bl-avviż ta' l-Uffiċju ta' l-Inland Revenue, datat 9 ta' Jannar, 1967 eżibit mal-petizzjoni ta' l-appell, u għalhekk

wara li saret il-perizja u anke wara li ingħatat *is-sentenza* appellata. Għalhekk il-Qorti ser tagħmel favur l-appellant id-debita riżerva. *Din tkun* tirrigwarda biss it-taxxa ta' l-assi issa awmentata għal £273. 16. 2 u l-imgħaxijiet talvolta dovuti fuqha, u ma tinkludix kwalunkwe penali li talvolta tista' tiġi inflitta lill-appellant, u ser issir mingħajr preġudizzju għall-attriċi.

(5) Il-ħames aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-ispejjeż tal-kawża: l-appellant jippretendi illi l-attriċi messha waħlet spejjeż aktar peress illi, speċjalment wara l-perizja, hi ikkaġunat spejjeż bla bżonn billi kompliet iġġib provi li bl-ebda mod ma ċaqalqu l-konklużjonijiet tal-perit favur tagħha. Għalhekk — jgħid l-appellant — l-ispejjeż kollha wara l-perizja (mal-fol. 431) għandhom jiġu sopportati mill-attriċi.

Għalkemm hu veru illi l-attriċi, wara l-perizja, kompliet tipproduċi xhieda u provi li ftit li xejn għinu biex tiġi deċiża l-kawża, hu veru wkoll illi l-appellant innifsu, *fl-istess* stadju, ipproduċa diversi drabi dokumenti li milli jidher sata' u messu ipproduċa qabel (v fol. 459, 471, 501, 528). Imbagħad, l-ispejjeż tal-kawża, kif ordnati mill-ewwel Onorabbli Qorti ——— għandhom jittieħdu fil-kompless tagħhom u din il-Qorti ma tħossx illi, kunsidrat b'dan il-mod, l-allokament magħmul fis-sentenza appellata hu irraġonevoli, talment li għandu jiġi disturbat.

**Ikkunsidrat fuq l-appell inċidentali ta' l-attriċi:—**

Dan l-appell hu ibbażat fuq żewġ aggravji.

L-ewwelnett l-attriċi tissottometti illi ma messhiex ġiet akkollata bl-ispejjeż ta' l-ewwel u tat-tieni talba u tat-talba dwar il-leżjoni tal-leġittima. Kwantu għall-ewwel żewġ tal-

biet, l-iżball tagħha kien skużabbli għax anki l-eredi stess, Carmelo Meli, kien taħt l-impressjoni li kien hemm bejn il-genituri il-komunjoni ta' l-akkwisti — li hawn Malta hija r-regola. Kwantu għat-talba dwar il-lesjoni tal-leġittima, din kienet domanda di rito u kondizzjonata għall-każ li "jkun hemm bżonn".

Fil-fehma tal-Qorti dan l-ilment ma għandux jiġi milqugħ. Kif ġa intqal fuq, l-allokament ta' l-ispejjeż magħmul mill-ewwel Onorabbli Qorti għandu jittieħed globalment fil-kompless tiegħu. Inoltre mhux inġust illi ġa la darba, għall-finijiet ta' din il-kawża, l-iżball ittieħed mill-attriċi hi tbati l-ispejjeż tiegħu. Rigward it-talba għar-riduzzjoni tal-legati, una volta li saret "bla bżonn" l-ewwel Qorti ma għamlitx ħażin li waħħlet l-ispejjeż lill-attriċi.

Fit-tieni lok l-attriċi trid illi flok il-kwadri assenjati lilha u li huma danneġġjati, hi tieħu il-valur tagħhom.

Rigward dan l-ilment jingħad dak li diġa intqal rife-ribilment għal xi wħud mill-aggravji dedotti mill-konvenut Meli fl-appell prinċipali. L-ewwel Onorabbli Qorti, fl-assenjazzjoni lill-attriċi ta' dawk il-kwadri bħala parti mill-leġittima dovuta lilha, ma għamlitx ħaġa oħra ħlief adottat is-suġġeriment tal-Perit Legali, u l-attriċi ukoll, fil-verbal ta' l-1 ta' Diċembru, 1965 (fol. 540) "**iddikjarat li tirrimetti ruħha għar-rapport**". Apparti dan, dik l-assenjazzjoni hi ragonevoli.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi

1. Tiddikjara l-appell tal-konvenut Carmelo Meli mid-degriet ta' l-ewwel Onorabbli Qorti tas-7 ta' Jannar, 1967, irritu u null bl-ispejjeż kontra tiegħu;

2. Tiċħad bl-ispejjeż kontra tiegħu l-appell ta' l-istess Carmelo Meli mis-sentenza ta' dik il-Qorti ta' l-istess data u tikkonferma, rigward il-punti devoluti lil din il-Qorti b'dak l-appell, l-istess sentenza, b'dana biss illi, favur l-istess Carmelo Meli ssir riżerva għas-sehem li jista' skond il-liġi jkun sopportabbli mill-attriċi mid-differenza ta' taxxa fuq l-assi u imgħax fuqha (eskluża kwalunkwe proli) li urriżulta dovuta lill-Gvern. Il-kuntratt ordnat fis-sentenza appellata għandu jsir fil-20 ta' Ġunju, 1967 fl-4 p.m.

3. Tiċħad l-appell inċidentali ta' l-attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha.